# TRIBUNAL INDUSTRJALI

## DECIZJONI NUMRU : 2173

**Kaz Numru 2995/CC**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Maria Theresa k/a Marisa Bartolo**

**u**

**Conservatorio Vincenzo Bugeja u l-Ministru tal-Edukazzjoni u Familja l-Onor. Dolores Cristina**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata ingusta**

**Chairperson : Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)**

**Nhar l-Erbgha 19 ta' Settembru, 2012**

- **Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' nota pprezentata mill-appellanti Marisa Bartolo fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar il-31 ta' Jannar 2012 fejn sostniet li t-terminazzjoni tal-impjieg taghha hija wahda ngusta.. Is-Socjeta ntimata minn naha l-ohra sostniet li l-impjieg tal-appellanti kien gie terminat ghal raguni ta' '*redunduncy*'.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati miz-zewg partijiet, zamm hames (5) seduti fejn sema' x-xhieda mressqa miz-zewg nahat, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjoni finali tal-avukati li assistew.

Ma' kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fiz-zmien xahar kif stabbilit mill-ligi minhabba limitazzjonijiet ta' facilitajiet amministrattivi.

- **Rapprezentanza**

Marisa Bartolo li minn issa l-quddiem ser tissejjah l-Appellanti kienet assistita mill-Avukat Anglu Farrugia.

Il-Conservatorio Vincenzo Bugeja u l-Ministru tal-Edukazzjoni u Familja l-Onor. Dolores Cristina li minn issa l-quddiem ser tissejjah is-Socjeta ntimata kienet irraprezentata minn Tancred Tabone assistit mill-Avukat Peter Fenech.

- **Fatti fil-qosor tal-kaz**

L-Appellanti giet impjegata mas-Socjeta ntimata b'effett mill-1 ta' Mejju 2009, fejn tali mpjieg kien soggett ghall-perjodu ta' '*probation*' ta' sena. Liema impjieg kien gie ikkonfermat mill-'*Board of Management*' tas-Socjeta ntimata permezz ta'korrispondenza datata 19 ta' April 2010 iffirmata mic-Chairman ta' li stess bord Dr. Richard Manche.

Fl-20 ta' Lulju 2010, c-Chairman Dr.Manche informa lill Appellanti li l-impjieg taghha kien ser jigi terminat b'effett mill-31 ta' Lulju 2010, u dan wara li '*Board of Inquiry*' kif maghmul mill Onor. Ministru Dolores Cristina ikkonkluda li '*Mrs MarisaBartolo's training and extensive experience in the Police force have formed her and conditioned her behaviour to date. More than twelve months of direction form the HD, role modeling and feedback from other members of staff have not yielded the desired changes. Her position with the Conservatorio setup is therefore considered untenable*'.

Fit-28 ta' Lulju 2010, li stess Chairman informa bil-miktub lill Appellanti li hija ser tidher quddiem Bord ta' Dixxiplina u li sakemm dan il-process dixxiplinarju jigi konkluz d-decizjoni tat-terminazzjoni ghanda tkun sospiza u fil-frattemp hija ser tkun fuq '*special leave with full pay*'.

Fit-30 ta' Novembru 2011, is-sur Joe Zammit, '*Administrator*' tas-Socjeta ntimata informa lill-Appellanti li l-impieg taghha kien qed jigi terminat b'effett minn li stess data.

- **Gabra fil-qosor tax-xhieda**

**Tancred Tabone** stqarr li kien gie appuntat Chairman tal-'*Board of Management*' tas-Socjeta ntimata ftit tax-xhur ilu sabiex jimla l-post vakat minn Dr. Richard Manche li sussegwentament kien miet ftit taz-zmien wara. Is-Sur Tabone fil-waqt illi qal li lill Appellanti qatt ma' kien iltaqa maghha u qatt ma' kellima ghajr f'dawn il-proceduri, stqarr li meta sar Chairman sab li hija kienet ilha sospiza mix-xoghol ghal kwazi sentejn bil-paga tithallas shiha .
Ix-xhud kompla jghid li post ta' '*co-ordinator*' li hija kienet tokkupa kien gie abolit, u dan fuq parir ta' '*experts*'. Fid-dawl ta' din is-sitwazzjoni ix-xhud stqarr li ta' struzzjonijiet sabiex l-impieg ta' l-Appellanti jigi tterminat 'a bazi' ta' '*redundancy'*.
Ix-xhud stqarr li ma' kienx konxju li l-Conservatorio kien kommess li jwaqqaf Bord ta' Dixxiplina wara li l-Appellanti kellha tinghata '*formal charge*'.
Fuq mistoqsija tat-Tribunal, jekk wara l-parir tal-'*experts*' li wassal sabiex il-post ta' '*Programme Co-ordinator*' jigi abolit, kienx ikkunsidrat li l-Appellanti tigi mghotija doveri alternattivi minflok li tigi dikjarata '*redundant*', it-twegiba tas-Sur Tabone kienet fin-negattiv, u cjoe li ma' saret l-ebda konsiderazzjoni f'dan is-sens.

**Marisa Bartolo,** l-Appellanti, stqarret li kienet giet ingaggata mas-Socjeta ntimata bhala '*Home Programme Co-ordinator*' b'effett mill 1 ta' Mejju 2009. Hija tat spjegazzjoni dettaljata tal-programmi li kienet tikko-ordina ghat-tfajliet residenti fil-Conservatorio. Hija spjegat kif lejn tmiem il-'*probation*' ta' sena, Dr.Richard Manche li dak iz-zmien kien Chairman tas-Socjeta ntimata kien informaha li kienu sodisfatti bix-xoghol taghha.
Xehdet ukoll li xi 5 jew 6 gimghat wara, Dr.Manche cemplilha u qalla li kienet qed tigi sospiza fuq struzzjonijiet tal- Ministru Dolores Cristina. F'din il-laqgha, ix-xhud qalet li Dr.Manche , ghaddielha l-ittra li kienet kitbet il-Ministru nhar l-20 ta' Mejju 2010. Ix-xhud kompliet li fis-26 ta' Lulju 2010, li stess Chairman Manche, kitbilha fejn kien indika li l-impieg taghha kellu jigi terminat fil-31 ta' Lulju ta' li stess sena. L-Appellanti stqarret li granet wara, ghamlet mandat ta' inibizzjoni, fejn 'in seguito' sar qbil li sakemm jitwaqqaf Bord ta' Dixxiplina tibqa tircievi l-paga shiha. Hija qalet li fil-fatt kienet irceviet korrispondenza iffirmata minn Dr.Manche f'dan is-sens.

L-Appellanti stqarret li hija qatt ma' rceviet xi komunikazzjoni mis-Socjeta ntimata sabiex tidher quddiem xi Bord ta' Dixxiplina, sakemm ftit wara li miet Dr.Manche, u dan f'Novembru 2011, hija rceviet ittra ffirmata minghand Joe Zammit, fejn giet mgharrfa li l-impieg taghha gie terminat '*as from today*' u cjoe mit- 30 ta' Novembru 2011. Fl-ittra riferuta ma' kien hemm l-ebda spjegazzjoni dwar x-wassal ghal tali terminazzjoni tal-impieg.
Mistoqsija minn Dr.Fenech jekk tafx li kien hemm xi lmenti fil-konfront ta' kif kienet taqdi r-rwol taghha ta' '*Home Programme Co-ordinator*', l-Appellanti stqarret li ma' kienet taf bl-ebda lment. Hija xehdet li f' *Board of Inquiry*, kien intqal lilha li l-mod kif kienet tezercita' r-rwol taghha kien kondizzjonat mill-fatt li kienet pulizija.
L-Appellanti xehdet li wara li rceviet l-ittra ta' terminazzjoni minghand Joe Zammit, hija ppruvat darbtejn tkellem lic-Chairman Tabone u qalula li 'ma' tistax tkellmu'.
L-Appellanti stqarret li minn Gunju 2010 sa Novembru 2011 hija baqghet tircievi l-paga shiha minkejja li ma' kienetx tattendi ghax-xoghol.

- **Sintesi tat-trattazzjonijiet tal-kaz**

Fit-trattazzjoni tal-kaz Dr.Peter Fenech f'isem is-Socjeta ntimata stqarr li l-kwistjoni tirrigwarda t-terminazzjoni tal-impieg tal-Appellanti li l-Bord tas-Socjeta ntimata ghamel 'a bazi' ta' '*redundancy*' u dan ghaliex ma' kienx jaghmel sens li tinzamm il-kariga ta' '*Home Programmes Co-ordinator'*. Fit-trattazzjoni Dr.Fenech insista li din u din biss kienet ir-raguni ghaliex twaqqaf dan l-impieg.

Dr. Anglu Farrugia ghan-nom tal-Appellanti sostna li meta nhar it-30 ta' Novembru 2011 l-Appellanti kienet giet mgharrfa li l-impieg taghha gie terminat, hija rabtet tali terminazzjoni mal-proceduri dixxiplinarji li s-Socjeta ntimata kienet infurmatha li kellha taghmel fil-konfront taghha. Dr.Farrugia qal li sa Frar 2012, kull meta l-Appellanti kienet tmur l-ETC tistaqsi dwar ir-terminazzjoni tal-impieg taghha minn mas-Socjeta ntimata, r-risposta kienet tkun li l-ETC ghadha ma' rceviet xejn dwar dan. Dr.Farrugia insista li t-tezi tas-Socjeta ntimata li t-terminazzjoni tal-impieg tal-Appellanti kienet 'a bazi' ta' '*redundancy*' kienet biss skuza konvenjenti sabiex jigu evitati l-proceduri dixxiplinaji li kienu mweghda.

- **Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

It-Tribunal Industrjali :

- Jinnota kif wara ftit gimghat li l-Appellanti kienet rceviet korrispondenza minghand ic-Chairman Dr.Manche fejn ikkonferma t-tigdid tal-kuntratt tax-xoghol, wara li ghaddiet il-probation, l-Appellanti giet sospiza sakemm tidher quddiem Bord ta’ Dixxiplina sabiex twiegeb ghall akkuzi dwar l-adegwatezza taghha fit-tkomplija tal-impieg.

- Jinnota li ma’ nghatat l-ebda spjegazzjoni minn naha tas-Socjeta intimata ghala l-proceduri ta’ dixxiplina fil-forma ta’ Bord Dixxiplinarju baqghu ma’ sarux minkejja li kienet is-Socjeta ntimata stess li kienet infurmat bil-miktub lill Appellanti li dawn kellhom jigu inizjalati.

- Josserva li fil-korrispondenza, li l-Appellanti kienet irceviet minghand is-Socjeta ntimata nhar it-30 ta’ Novembru 2011, fejn kienet giet mgharrfa bit-tmiem tal-impjieg taghha, ma’ kienet inghatat l-ebda raguni fuq x’hiex kienet ibbazata’ din id-decizjoni .

- Jinnota li tul dawn il-proceduri is-Socjeta ntimata ma’ tatx dettalji tal-pariri li nghataw mill-esperti, ghajr dikjarazzjoni vaga minghand ic-Chairman Tabone, li tali pariri wasslu sabiex jigi deciz li l-kariga ta’ ‘*Programme Co-ordinator*’ tigi abolita u li t-tmiem tal-impieg tal-Appellanti jkun meqjus bhala ‘*redundancy*’.

- Jinnota, li wara l-pariri tal-esperti, kif ukoll fl-analizi tal-operat, il-Bord tat-tmexxija tas-Socjeta ntimata wasal ghall-konkluzjoni li fl-organigramma ta’ kif kellu jopera l-Conservatorio ma’ gie effetwat l-ebda mpieg iehor ghajr l-impieg tal-Appellanti.

- Josserva li s-Socjeta ntimata ma’ kienetx ikkunsidrat li l-Appellanti tigi mghotija doveri alternattivi minflok li tigi dikjarata ‘*redundant*’.

- Jinnota li s-Socjeta ntimata fil-korrispondenza, li baghtet lill-Appellanti nhar it-30 ta' Novembru 2011, kienet iddikjarat it-terminazzjoni tal-impieg '*as from today*' , u dan minghajr ma' tat in-'*notice period*'. Liema perjodu f'dan il-kaz kellu jkun ta' 4 gimghat.

- Jinnota li skond l-'*Employment History*' tal-Appellanti kifipprezentata mill-ETC permezz ta' affidavit, it-terminazzjoni mill-impieg 'in kwistjoni', u li turi li saret minn ma' Jeanne Antide Home li hija entita ancillari mas-Socjeta' ntimata, iggib l-entratura TM 2012034487. Liema entratura tindika b'mod car li l-ETC giet mgharrfa li tali terminazzjoni ta'impieg kienet 'a bazi' ta' '*redundancy*' f'xi zmien sew wara l-bidu tal-2012, u allura xhur wara li l-Appellanti kienet mgharrfa bit-tmiem tal-impieg taghha.

- Josserva li l-Appellanti baqghet tinghata is-salarju shih minn Gunju 2010 sa Novembru 2011, minkejja li ma' kienetx tattendi ghax-xoghol.

- **Decizjoni**

F'dan il-kaz partikolari, it-Tribunal kellu jibbaza d-decizjoni fuq fatt dokumentat bil-kitba, u cjoe li fuq l-ittra tat-terminazzjoni li l-Appellanti kienet irceviet minghand is-Socjeta ntimata nhar it-30 ta' Novembru 2011, fejn, fl-liema korrispondenza ma' kienx hemm indikata r-raguni 'a bazi' ta' xhiex ittiehdet tali decizjoni.

It-Tribunal ma' giex konvint lil'hinn minn kull dubju ragonevoli li d-decizjoni tas-Socjeta ntimata fejn l-Appellanti giet dikjarta '*redundant*', ma' kienetx kondizjonata mill-fatti kif sehhew qabel ittiehdet tali decizjoni.

It-Tribunal jirikonoxxi d-dritt u d-dmir ta' kull '*employer*' li jaghmel ezercizzji amministrattivi sabiex jara li l-post tax-xoghol jitmexxa b'mod ghaqli u jirrikonoxxi wkoll li tali ezercizzji jistghu jwasslu ghal-'*redundancies'*. Pero' daqstant iehor jemmen li tali ezercizzji ma' ghandhomx jintuzaw bhala kumdita' facli sabiex jintemmu l-impiegi.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gie espost f'dan il-process, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impieg tal-Appellanti ma' kienetx wahda gusta.

F'din ic-cirkostanza it-Tribunal ma' jarax illi '*re-instatement'* huwa prattiku u ghaldaqstant jiffissa l-kumpens dovut lill-Appellanti fis-somma ta' €3,900. Liema ammont irid jithallas mis-Socjeta ntimata fi zmien tmien gimghat mid-data ta' din id-decizjoni.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' minn assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Iffirmat

**Charles Cassar**
**Chairman**

Vera Kopja

Marica Psaila
Ghas-Segretarju